## IL-ĠEMEL

*Sejħulek: "Ġemel",*
*u donnhom stagħġbu bik!*
*Rawk hekk sabiħ*
*li minn fuq ismek ħarġu*
*il-kelma "ġmiel".*
*U sirt qisek sultan*
*ta' kull sbuħija.*

*Hemm int!*
*Għaddej b'pass tqil*
*donnok għadek kemm qomt minn marda twila.*
*Fuq dahrek għandek*
*ħotba li ġġib il-bard*
*f'kull min jaraha.*
*U rasek*
*kbira, daqsiex;*
*u hi hekk tqila*
*li għonqok,*
*mislut u twil,*
*ma jiflaħhiex.*
*U int Missier il-Ġmiel!*

*Haġ' għandek tajba,*
*u din tagħmlek sabiħ:*
*inti sultan il-waħx*
*ta' ġod-deżert!*
*Int tgħix fejn hemm il-għatx,*
*fejn tikwi x-xemx.*
*Hliefek,*
*fis-saltna tiegħek,*
*bhima oħra ma tgħammarx.*

*Inti sabiħ tassew:*
*għax inti ħaj*
*fejn ħajja mhemmx.*

Valletta – 27.xii.68 PATRI DWARDU FENECH

## ~~RADD IL-HAJR~~

~~*Mulejja, niżżik ħajr*~~
~~*talli ħallejtni*~~
~~*naqdef għal rasi,*~~
~~*u hekk ħassejtni sirt*~~